TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Christabel Bailey, u ai termini ta' digriet datat 11 ta' Gunju 2024 gie inkluz Anthony Bailey bhala attur f'dawn il-proceduri**

**Vs**

**Pitre Bathrooms Ltd**

CCT 92/24/CC

Illum 19 ta' Settembru 2025

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-atturiipprezentata fit-2 ta' Mejju 2024, fejn giet mitluba rifuzjoni ta' l-ammont ta' seba' mija u hamsa u ghoxrin ewro (€750) rapprezentanti ammont imhallas minnhom ghal hgiega ta' doxxa *(wall to wall shower glass*) mixtrija minghand is-socjeta intimata.

Ra li s-socjeta intimata debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezentat risposta, fejn giet ikkontestata t-talba avvanzata mill-atturi, ghar-ragunijiet elenkati fl-istess risposta.

Illi fis-seduta skedata ghal produzzjoni tal-provi tal-partijiet, deheru l-atturi u rapprezentanti tas-socjeta intimata assistiti. Jirrizulta li l-atturi naqsu li jipproducu l-provi taghom, b'dan li lanqas iddeponew *viva voce* quddiem dan it-Tribunal. Is-socjeta intimata ipproduciet provi *viva voce*, kif ukoll provi dokumentarji.

Ra l-atti kollha tal-kawza, inkluz id-dokumentazzjoni ipprezentata mill-atturi fit-talba avvanzata, u d-dokumentazzjoni ipprezentata mis-socjeta intimata fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Sema' lir-rapprezentanta tas-socjeta intimata Mireille Muscat Pitre' u lil Maria Fenech jixhdu bil-gurament.

Ikkunsidra ;

Illi jirrizulta li permezz ta' ordni datata 29 ta' Settembru 2023, liema ordni giet annessa mat-talba avvanzata mill-atturi, l-attrici Christabel Bailey akkwistat minghand is-socjeta intimata diversi prodotti, fosthom hgiega ta' doxxa *(wall to wall shower glass)* tal- qies ta' 130cm (mija u tletin centimetru). Dan l-istess qies jirrizulta, kif ammess mill-istess attrici fit-talba promotrici, li gie pprovdut minnha stess lis-socjeta intimata. Din l-ordni giet ikkonsenjata fl-14 ta' Novembru 2023, u jirrizulta li gimgha qabel il-konsenja, s-socjeta intimata kkuntatjat lil attrici sabiex tikkonferma l-qies tal-hgiega ta' doxxa *(wall to wall shower glass)*. Effettivament l-attrici kkonfermat il-qies u l-ordni giet kkonsenjata.

Illi jirrizulta li wara diversi granet mill-konsenja ta' l-ordni, meta l-atturi ghaddew sabiex jinstallaw il-hgiega ta' doxxa *(wall to wall shower glass)*, irrizulta li l-qies indikat kien icken, b'dan li l-qies korrett kellu jkun indikat ghal 133cm (mija u tlieta u tletin centimetru).

Illi l-atturi kkuntatjaw lis-socjeta intimata, li da parti taghha jirrizulta li in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, pprovdiet diversi soluzzjonijiet lil atturi. Madankollu l-partijiet ma waslux ghal ftehim, u l-atturi pprocedew b'din l-istanza.

Ikkunsidra;

Illi t-Tribunal jirrimarka li l-atturi permezz ta' din il-procedura qeghdin jitobu rifuzjoni ta' l-ammont ta' seba' mija u hamsa u ghoxrin ewro (€750) rapprezentanti ammont imhallas minnhom ghal hgiega ta' doxxa *(wall to wall shower glass)* mixtrija minghand is-socjeta intimata, u dan stante li waqt l-installazzjoni, irrizulta li l-qies kif indikat minnhom ma kienx korrett. Illi l-atturi jirrimarkaw ukoll li in vista tad-diskrepanza fil-qies, il-prodott ma huwiex sigur ghal uzu.

Illi mill–provi jirrizulta, anke kif ammess mill-attrici, li l-qies ta' 130cm (mija u tletin centimetru) gie pprovdut, indikat u kkonfermat mill-istess attrici lis-socjeta intimata qabel il-konsenja tal-prodott.

Ghaldaqstant in vista ta' din id-dikjarazzjoni ta' l-attrici, li ma giet bl-ebda mod kontradetta mill-istess attrici fl-atti ta' dawn il-proceduri, certament li t-Tribunal ma jistax jaddebita xi nuqqas fil-konfront tas-socjeta intimata.

Illi inoltre, rigward li l-prodott akkwistat ma huwiex sigur ghal uzu, t-Tribunal ha konjizzjoni tax-xhieda tar-rapprezentanta tas-socjeta intimata Mireille Muscat Pitre', li tat spjegazzjoni cara u inekwivoka, b'dan li ma jirrizulta l-ebda periklu ghal uzu tal-prodott kif kkonsenjat mis-socjeta intimata.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jirrileva li l-kummercjant pprovda l-prodott lil konsumatur kif ordnat mill-istess konsumatur, u ta' kwalita tajba. Tenut kont tas-suespost, u in vista tal-provi prodotti fl-atti ta' dawn il-proceduri hija l-fehma kunsiderata tat-Tribunal li t-Talba avvanzata mill-atturi ma ghadiex tigi akkolta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba avvanzata mill-atturi.

L-atturi ghandhom ihallsu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru